# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-16 ta' Novembru 2012

## li tadotta l-ewwel lista aġġornata tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 8232)*

(2013/28/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-reġjun bijoġeografiku Steppiku msemmi fl-Artikolu 1(c)(iii) tad-Direttiva 92/43/KEE huwa magħmul minn partijiet mit-territorju tar-Rumanija, kif speċifikat fil-mappa bijoġeografika approvata fl-20 ta' April 2005 mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 20 ta' dik id-Direttiva, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat dwar il-Ħabitats".

(2) Fil-kuntest ta' proċess li nbeda fl-1995, jeħtieġ li jsir aktar progress fit-twaqqif reali tan-netwerk Natura 2000, li huwa element essenzjali tal-ħarsien tal-bijodiversità fl-Unjoni.

(3) Il-lista inizjali tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku, skont it-tifsira tad-Direttiva 92/43/KEE, ġiet adottata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/966/KE ([2]). Abbażi tal-Artikoli 4(4) u 6(1) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnominaw is-siti inklużi fil-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku bħala żoni speċjali ta' konservazzjoni malajr kemm jista' jkun u f'perjodu li ma jaqbiżx is-sitt snin, waqt li jistabbilixxu prijoritajiet ta' konservazzjoni u l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa.

(4) Il-listi tas-siti ta' importanza Komunitarja qed jiġu riveduti fil-kuntest tal-adattament dinamiku tan-netwerk Natura 2000. Għalhekk huwa meħtieġ aġġornament tal-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku.

(5) Min-naħa l-waħda, l-aġġornament tal-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku huwa meħtieġ sabiex jiġu inklużi s-siti addizzjonali li ġew proposti mir-Rumanija mill-2010 sal-lum bħala siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku, skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/43/KEE. Għal dawn is-siti addizzjonali, l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 4(4) u 6(1) tad-Direttiva 92/43/KEE għandhom japplikaw malajr kemm jista' jkun u f'perjodu li ma jaqbiżx is-sitt snin mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Min-naħa l-oħra, l-aġġornament tal-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku huwa meħtieġ sabiex jirrifletti kwalunkwe tibdil fit-tagħrif li għandu x'jaqsam mas-siti mressqa mir-Rumanija wara l-adozzjoni tal-lista inizjali tal-Unjoni. F'dak is-sens, il-lista aġġornata tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku tikkostitwixxi verżjoni kkonsolidata tal-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku. Madankollu, wieħed għandu jenfasizza li, għal kwalunkwe sit inkluż fid-Deċiżjoni, l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 4(4) u 6(1) tad-Direttiva 92/43/KEE għandhom japplikaw kemm jista' jkun malajr u f'perjodu li ma jaqbiżx is-sitt snin mill-adozzjoni tal-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja li fiha s-sit ikun iddaħħal għall-ewwel darba.

(7) Għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku, il-listi tas-siti proposti bħala siti ta' importanza Komunitarja skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/43/KEE ntbagħtu lill-Kummissjoni mill-Istati Membri kkonċernati bejn Ġunju 2007 u Ottubru 2011, skont l-Artikolu 4(1) ta' dik id-Direttiva.

(8) Il-listi tas-siti proposti kienu akkumpanjati b'tagħrif dwar kull sit, forniti fil-format stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/266/KE tat-18 ta' Diċembru 1996 rigward format ta' tagħrif dwar is-sit, għas-siti proposti f'Natura 2000 ([3]).

(9) Dak it-tagħrif jinkludi l-mappa tas-sit li ntbagħtet mill-Istati Membri kkonċernati, l-isem, il-post u l-firxa tas-sit, u d-dejta li nġabret mill-applikazzjoni tal-kriterji speċifikati fl-Anness III tad-Direttiva Nru 92/43/KEE.

(10) Abbażi tal-abbozz tal-lista mfassla mill-Kummissjoni bi qbil ma' kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati, li jidentifika wkoll is-siti li għandhom tipi ta' ħabitats naturali ta' prijorità jew speċijiet ta' prijorità, għandha tiġi adottata lista aġġornata tas-siti magħżulin bħala siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku.

([1]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.
([2]) ĠU L 344, 20.12.2008, p. 117.
([3]) ĠU L 107, 24.4.1997, p. 1.

(11) L-għarfien dwar l-eżistenza u t-tqassim tat-tipi ta' ħabitats naturali u tal-ispeċijiet qiegħed jevolvi kontinwament minħabba s-sorveljanza skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 92/43/KEE. Għalhekk, l-evalwazzjoni u l-għażla tas-siti fil-livell tal-Unjoni saru bl-użu tal-aqwa tagħrif disponibbli bħalissa.

(12) L-Istat Membru kkonċernat ma pproponiex biżżejjed siti biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tad-Direttiva 92/43/KEE għal ċerti tipi ta' ħabitats u speċijiet. Għalhekk, għal dawk it-tipi ta' ħabitats u speċijiet, ma jistax jiġi konkluż li n-netwerk Natura 2000 huwa komplut. Meta wieħed iqis id-dewmien biex jasal it-tagħrif u biex jintlaħaq qbil mal-Istati Membri, jeħtieġ li tiġi adottata lista aġġornata tas-siti, li se jkun meħtieġ li tiġi riveduta skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/43/KEE.

(13) Ladarba l-għarfien dwar l-eżistenza u t-tqassim ta' xi wħud mit-tipi ta' ħabitats naturali tal-Anness I u tal-ispeċijiet tal-Anness II tad-Direttiva Nru 92/43/KEE għadu mhux komplut, la għandu jiġi konkluż li n-netwerk huwa komplut u anqas li mhuwiex. Il-lista għandha tiġi riveduta, jekk ikun meħtieġ, skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva Nru 92/43/KEE.

(14) Fl-interess taċ-ċarezza u tat-trasparenza, id-Deċiżjoni 2008/966/KE għandha tiġi rrevokata.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Ħabitats,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-ewwel lista aġġornata tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku skont it-tielet sub-paragrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 92/43/KEE hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2008/966/KE hija b'dan revokata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2012.

*Għall-Kummissjoni*

Janez POTOČNIK

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**L-ewwel lista aġġornata tas-Siti ta' Importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku**

Kull sit ta' importanza Komunitarja (SIK) huwa identifikat mit-tagħrif mogħti fil-format tan-Natura 2000, inkluża l-mappa korrispondenti. Dan it-tagħrif intbagħat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 92/43/KEE.

It-tabella ta' hawn taħt tagħti t-tagħrif li ġej:

A: kodiċi tas-SIK li fih disa' karattri, fejn l-ewwel tnejn jindikaw il-kodiċi ISO tal-Istat Membru; isem is-SIK;

B: isem is-SIK;

C: *= il-preżenza tas-SIK ta' mill-inqas tip ta' ħabitat naturali wieħed u/jew speċi waħda ta' prijorità skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva Nru 92/43/KEE;

D: is-superfiċje tas-SIK f'ettari jew it-tul tas-SIK f'km;

E: il-koordinati ġeografiċi tas-SIK (il-latitudni u l-lonġitudni) fi gradi deċimali.

It-tagħrif kollu mogħti fil-lista tal-Unjoni ta' hawn taħt huwa bbażat fuq id-dejta proposta, mibgħuta u vvalidata mir-Rumanija.

| A | B | C | D | | E | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Kodiċi tas-SIK | Isem is-SIK | * | Superfiċje tas-SIK (ha) | Tul tas- SIK (km) | Koordinati ġeografiċi tas-SIK | |
| | | | | | Lonġitudni | Latitudni |
| ROSCI0005 | Balta Albă - Amara - Jirlău - Lacul Sărat Câineni | * | 6 300,3 | | 27,2847 | 45,2300 |
| ROSCI0006 | Balta Mică a Brăilei | | 20 872,1 | | 27,9086 | 44,9978 |
| ROSCI0012 | Brațul Măcin | * | 10 235,4 | | 28,1311 | 45,0081 |
| ROSCI0022 | Canaralele Dunării | * | 25 943 | | 28,0781 | 44,4100 |
| ROSCI0053 | Dealul Alah Bair | * | 193,5 | | 28,2181 | 44,5022 |
| ROSCI0060 | Dealurile Agighiolului | * | 1 433,3 | | 28,8136 | 45,0447 |
| ROSCI0065 | Delta Dunării | * | 454 037,3 | | 28,9203 | 44,9003 |
| ROSCI0067 | Deniz Tepe | * | 413,7 | | 28,6889 | 45,0033 |
| ROSCI0071 | Dumbrăveni - Valea Urluia - Lacul Vederoasa | * | 17 971 | | 27,9800 | 43,9694 |
| ROSCI0072 | Dunele de nisip de la Hanul Conachi | * | 241,7 | | 27,5772 | 45,5706 |
| ROSCI0083 | Fântânița Murfatlar | * | 577,5 | | 28,3856 | 44,1572 |
| ROSCI0103 | Lunca Buzăului | * | 6 986,5 | | 26,8722 | 45,1519 |
| ROSCI0105 | Lunca Joasă a Prutului | * | 5 806 | | 28,1483 | 45,7653 |
| ROSCI0114 | Mlaștina Hergheliei - Obanul Mare și Peștera Movilei | * | 232,2 | | 28,5717 | 43,8344 |
| ROSCI0123 | Munții Măcinului | * | 16 893,9 | | 28,3308 | 45,1469 |
| ROSCI0131 | Oltenița - Mostiștea - Chiciu | | 11 348,7 | | 26,9117 | 44,2194 |
| ROSCI0133 | Pădurea Bădeana | * | 60,6 | | 27,5717 | 46,1572 |
| ROSCI0134 | Pădurea Balta - Munteni | | 86 | | 27,4656 | 45,9497 |
| ROSCI0139 | Pădurea Breana - Roșcani | * | 156,8 | | 27,9956 | 45,9269 |
| ROSCI0149 | Pădurea Eseschioi - Lacul Bugeac | * | 2 965,7 | | 27,4350 | 44,0789 |
| ROSCI0151 | Pădurea Gârboavele | * | 219,1 | | 27,9989 | 45,5767 |

| A | B | C | D | | E | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ROSCI0157 | Pădurea Hagieni - Cotul Văii | * | 3 617,7 | | 28,4500 | 43,7889 |
| ROSCI0162 | Lunca Siretului Inferior | * | 25 080,7 | | 27,3425 | 45,7728 |
| ROSCI0163 | Pădurea Mogoș - Mâțele | * | 64,9 | | 27,9481 | 45,7222 |
| ROSCI0165 | Pădurea Pogănești | * | 180,9 | | 28,0261 | 45,9753 |
| ROSCI0169 | Pădurea Seaca - Movileni | * | 50,9 | | 27,5333 | 46,2883 |
| ROSCI0172 | Pădurea și Valea Canaraua Fetii - Iortmac | * | 13 630,9 | | 27,6158 | 44,1050 |
| ROSCI0175 | Pădurea Tălășmani | | 53,4 | | 27,8406 | 46,1217 |
| ROSCI0178 | Pădurea Torcești | | 129,9 | | 27,4908 | 45,6811 |
| ROSCI0191 | Peștera Limanu | | 12,4 | | 28,5242 | 43,8069 |
| ROSCI0201 | Podișul Nord Dobrogean | * | 84 811,5 | | 28,5019 | 44,9703 |
| ROSCI0213 | Râul Prut | | 10 540 | | 27,7850 | 47,2136 |
| ROSCI0215 | Recifii Jurasici Cheia | * | 5 686,2 | | 28,4417 | 44,4853 |
| ROSCI0259 | Valea Călmățuiului | * | 17 922,9 | | 27,0450 | 45,0067 |
| ROSCI0278 | Bordușani - Borcea | * | 5 809,7 | | 27,9231 | 44,5764 |
| ROSCI0286 | Colinele Elanului | * | 755,3 | | 27,9761 | 46,3389 |
| ROSCI0290 | Coridorul Ialomiței | * | 26 726,8 | | 26,4756 | 44,7211 |
| ROSCI0305 | Ianca - Plopu - Sărat - Comăneasca | * | 3 222,4 | | 27,6481 | 45,2258 |
| ROSCI0307 | Lacul Sărat - Brăila | * | 376,7 | | 27,8817 | 45,1944 |
| ROSCI0308 | Lacul și Pădurea Cernica | | 3 267,3 | | 26,2956 | 44,4433 |
| ROSCI0309 | Lacurile din jurul Măscurei | | 1 159,7 | | 27,3964 | 46,3481 |
| ROSCI0315 | Lunca Chineja | | 944,9 | | 27,9600 | 45,8006 |
| ROSCI0319 | Mlaștina de la Fetești | | 2 019,8 | | 27,8039 | 44,3431 |
| ROSCI0335 | Pădurea Dobrina - Huși | * | 8 518,3 | | 27,9717 | 46,5808 |
| ROSCI0343 | Pădurile din Silvostepa Mostiștei | * | 2 119,8 | | 26,7294 | 44,2431 |
| ROSCI0353 | Peștera - Deleni | | 2 508,1 | | 28,0267 | 44,1100 |
| ROSCI0360 | Râul Bârlad între Zorleni și Gura Gârbăvoțului | | 2 569,4 | | 27,6700 | 46,2108 |
| ROSCI0389 | Sărăturile de la Gura Ialomiței - Mihai Bravu | * | 3 449,4 | | 27,7622 | 44,7514 |
| ROSCI0398 | Straja-Cumpăna | | 1 117 | | 28,5106 | 44,0936 |